31992L0086

L325/18 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 11.11.1992

**IL-ĦMISTAX-IL DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 92/86/KEE**

**tal-21 ta' Ottubru 1992**

**li tadatta għall-progress tekniku l-Annessi II, III, IV, V, VI u VII tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITA EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 92/8/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 (2) tagħha,

Billi, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, ċerti aġenti koloranti, preservattivi u filters ultra-vjola permissibbli temporanjament jistgħu jiġu permissibbli definittivament, waqt li oħrajn għandhom jiġu projbiti definittivament jew ikunu permissibli għal perijodu speċifiku ieħor;

Billi, biex tkun protetta s-saħħa pubblika, huwa meħtieġ li jkun ipprojbit l-użu ta' 1,2-epoxybutane, CI 15585, *strontium lactate, strontium nitrate, strontium polycarboxylate, pramocaine, 4-ethoxy-m-phenylenediamine* u l-imluħa tiegħu, *2,4-diaminophenylethanol* u l-imluħa tiegħu, *catechol, pyrogallol, nitrosamines* u *dialkanolamines*;

Billi, fuq il-bażi tar-riċerka xjentifika u teknika l-akter riċenti, l-użu tal-klorur tal-*istrontium, strontium acetate,* l-aċidu mxaħħam tad-*dialkanolamides, monoalkanolamines, trialkanolamines* u *hydrated magnesium silicate* jista' jkun permissibli b'ċerti restrizzjonijiet u kondizzjonijiet u bl-inklużjoni obbligatorja ta' twissija għas-saħħa fuq it-tikketti;

Billi, fuq il-bażi tar-riċerki xjentifiċi u tekniċi l-aktar riċenti, *3-iodo-2-propynybutyl carbamate* u *sodium hydroxymethylaminoacetate* jistgħu jkunu wżati bħala preseravativi fi prodotti kosmetiċi sat-30 ta' Ġunju 1993 suġġetti għal ċerti restrizzjonijiet u kondizzjonijiet;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Adattazzjoni għall-Progress Tekniku tad-Direttivi għat-Tneħħija ta' l-Ostakoli Tekniċi fil-Kummerċ tas-Settur tal-Kosmetika,

([1]) ĠU Nru L 262, 27. 9. 1976, p. 169.
([2]) ĠU Nru L 70, 17. 3. 1992, p. 23.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 76/768/KEE hija emendata kif ġej:

1. in-numri li ġejjin huma miżjuda mal-Anness II:

"400 . *1,2-epoxybutane*

401. Aġent kolorant CI 15585

402. *Strontium lactate*

403. *Strontium nitrate*

404. *Strontium polycarboxylate*

405. *Pramocaine*

406. *4-ethoxy-m-phenylenediamine* u l-imluħ tiegħu

407, *2,4-diaminophenylethanol* u l-imluħ tiegħu

408. *Catechol*

409. *Pyrogallol*

410. *Nitrosamines*

411. *Dialkanolamines sekondarji*";

2. fl-Anness III, il-Parti 1:

(a) in-numri ta' referenza li ġejjin huma miżjuda:

| a | b | ċ | d | e | f |
|---|---|---|---|---|---|
| "57 | *Strontium chloride hexahydrate* | Toothpaste | 3,5%, ikkalkulat bħala *strontium*. Meta mħallat ma' prodotti oħra tal-*istrontium*, il-kontenut totali tal-*istrontium* m'għandux jeccedi it-3,5% | | Fih il-klorur tal-*istrontium*. L-użu frekwenti mit-tfal mhux irrakkomandat |
| 58 | *Strontium* acetate hemihydrate | Toothpaste | 3,5%, ikkalkulat bħala *strontium*. Meta mħallat ma' prodotti oħra tal-*istrontium*, il-kontenut totali tal-*istrontium* m'għandux jeċċedi it-3,5% | | Fih l-acetat tal-*istrontium*. L-użu frekwenti mit-tfal mhux irrakkomandat |
| 59 | Terra:<br>*Hydrate magne-sium silicate*<br>Prodotti tat-trab: | | | | Żomm it-trab 'il bogħod mill-imnieħer u l-ħalq tat-trabi |
| 60 | Acidu mxaħħam tal-*dialkanolamides* | | Kontenut massimu ta' *dialkanolamine*: 0,5% | — Tużax ma' sistemi nitrosatinici<br>— Kontenut massimu ta' *dialkanolamine*: 5% (jikkonċerna materja prima)<br>— Kontenut massimu ta' *N-nitroso-dialkanolamine*: 50ug/kg<br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-nitrat | |

| a | b | ċ | d | e | f |
|---|---|---|---|---|---|
| 61 | *Monoalkanolamines* | | Kontenut massimu ta' *dialkanolamine*: 0,5% | — Tużax ma' sistemi nitrosatiniċi<br>— Purità minima: 99%<br>— Kontenut massimu ta' alkanolamine sekondarju: 0,5 % (jikkoncerna materja prima)<br>— Kontenut massimu ta' *N-nitroso-dialkanolamine:* 50µg/kg<br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-nitrat | |
| 62 | *Trialkanolamines* | (a) prodotti li ma jitlaħlaħx<br>(b) prodotti oħra | (a) 2,5 % | (a) (b):<br>— Tużax ma' sistemi nitrostanici<br>— Purita minima: 99%<br>— Kontenut massimu ta' *alkanolamine* sekondarju: 0,5 % (jikkoncerna materja prima)<br>— Kontenut massimu ta' *N-nitroso-dialkanolamine:* 50ug/kg<br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-*nitrate*" | |

(b) in-numru ta' referenza 20 huwa mħassar;

(c) 'it-test tas-sensitività huwa irrakkomandat qabel l-użu "fil-kolonna f (a) u (b) fin-numri ta" referenza 8, 9 u 10 hija mħassra;

(d) numru ta' referenza 12 jinbidel bin-numru li ġej:

| a | b | ċ | d | e | f |
|---|---|---|---|---|---|
| "12 | Perossidu tal-idroġenu u l-komponenti jew taħlit ieħor li joħorġu l-perossidu ta' l-idroġenu inkluż il-perossidu karbamide u l-perossidu taż-żingu | (a) Preparazzjoni għall-kura tax-xagħar<br>(b) Preparazzjoni għall-kura tal-ġilda<br>(c) Preparazzjoni għat-tisħiħ tad-dwiefer<br>(d) Prodotti għall-iġene orali | 12 % ta' $H_2O_2$ (40 volum) preżenti jew rilaxxat<br>4 % ta' $H_2O_2$ preżenti jew rilaxxat<br>2% ta' $H_2O_2$ preżenti jew rilaxxat<br>0,1% ta' $H_2O_2$ preżenti jew rilaxxat | | (a) (b) ċ:<br>Fih il-perossidu ta' l-idrogenu. Evita l-kuntatt mal-għajnejn. Laħlaħ malajr jekk il-prodotti jiġi f'kuntatt magħhom" |

3. fl-Anness III, il-Parti 2, in-numru ta' referenza 2 huwa mħassar;

4. fl-Anness IV, il-Parti 1:

(a) in-numru ta' referenza li ġej huwa miżjud:

| Numru jew denominazzjoni ta' l-indiċi tal-kulur | Kulur | Qasam ta' l-applikazzjoni | | | | Limitazzjonijiet u ħtiġiet oħra |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1 | 2 | 3 | 4 | |
| "'26100 | Aħmar | | | X | | Kriterju ta' purità:<br>aniline ≤ 0,2%<br>2-naphtol ≤ 0,2 %<br>4-aminoazobenzene ≤ 0,1%<br>1-(phenylazo)-2-naphtol ≤ 3%<br>1-ġ2-(phenylazo)phenylazoħ-2-naphthalenol ≤ 2%;" |

(b) 'ara l-Anness IV, il-Parti 2' fil-kolonna 'limitazzjonijiet u ħtiġiet oħra' hija mħassra fin-numri CI 73900 u CI 74180;

5. fl-Anness IV, il-Parti 2, l-aġenti koloranti CI 26100, CI 73900, CI 74180, CI 15585 u s-Solvent Isfar 98 huma mhassra;

6. fl-Anness V, in-numru ta' referenza 5 huwa mibdul b'dan li ġej:

"5. L-*istrontium* u l-komposti tiegħu, bl-eċċezzjoni tal-lattat tal-*istrontium*, in-nitrat tal-*istrontium* u l-polycarboxylate tal-*istrontium* elenkati fl-Anness II, is-sulfid tal-*istrontium*, il-klorur tal-*istrontium* u l-aċetat tal-*istrontium*, permezz tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III, il-Parti 1, u tal-lakki, l-pigmenti u l-imluħ tal-*istrontium* ta' l-aġenti koloranti elenkati mar-referenza (3) fl-Anness IV, il-Parti 1.";

7. fl-Anness VI, il-Parti 1:

(a) il-limitazzjoni "m'għandhiex tintuża fi prodotti kosmetiċi ta' għal kontra x-xemx' in-numru ta' referenza 36 huwa mibdul bi 'm'għandhiex tintuża fi prodotti kosmetiċi ta' kontra x-xemx f'konċentrazzjoni li teċċedi 0,025 %"

(b) is-sustanza li ġejja hija miżjuda:

| a | b | ċ | d | e |
|---|---|---|---|---|
| "47 | 1,6-Di (4-amidinopheoxy)-n-hexane (Hexamidine) u l-imluħ tiegħu (inklużi l-isethionate u p-hydroxybenzoate (+) | 0,1%" | | ; |

8. fl-Anness VI, il-Parti 2:

(a) '30. 6. 1992' fin-numri ta' referenza 2, 21, 26, 27 hija mibdula bi '30. 6. 1993';

(b) '31. 12. 1992' fin-numru ta' referenza 28 hija mibdula bi '30. 6. 1993';

(c) in-numru ta' referenza 20 huwa mħassar;

(d) in-numru ta' referenza 15 huwa mibdul b'dan li ġej:

| a | b | ċ | d | e | f |
|---|---|---|---|---|---|
| "15 | Diisobutyl-phenoxy-ethoxy-ethyl dime-Thyl benzyl ammonium chloride (Ben-Zethonium chloride) | 0,1% | Biss għad-deodoranti, prodotti għal-kura tax-xagħar U prodotti ta' wara l-leħja. Mhux permissibli fi prodotti intiżi biex jiġu f'kuntatt mal-membrana mukuża | | 30.6.1993"; |

(e) in-numru ta' referenza 16 huwa mibdul b'dan li ġej:

| a | b | ċ | d | e | f |
|---|---|---|---|---|---|
| "16 | *Alkyl (C8-C18) dimethyl benzyl ammonium chloride Bromide u saccharinate (+) (Benzalkonium Chloride, bromide u saccharinate)* | 0,1% | | | 30.6.1993"; |

(f) in-numri ta' referenza li ġejjin huma miżjuda:

| a | b | ċ | d | e | f |
|---|---|---|---|---|---|
| "29 | *3-lodo-2-propynyl-butyl carbamate* | 0,1% | | | 30.6.1993 |
| 30 | *Sodium hydorxymethyl aminoacetate* | 0,1% | | | 30.6.1993"; |

9. fl-Anness VII, il-Parti 2:

(a) in-numri ta' referenza li ġejjin huma mħassra: 1, 4 u 16;

(b) '30. 6. 1992' hija mibdula bi '30. 6. 1993' għan-numri ta' referenza li ġejjin: 2, 5, 6, 12, 13, 17, 24, 25, 26, 28, 29, 31 u 32.

*Artikolu 2*

1. Minkejja d-dati li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw li mill-1 ta' Lulju 1993 għas-sustanzi li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 1, la l-manifatturi u lanqas l-importaturi stabbiliti fil-Komunità m'għandhom ipoġġu fis-suq prodotti li ma jkunux konformi mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jaraw li l-prodotti li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1 li fihom is-sustanzi li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 1 ma jiġux mibjugħa jew mogħtija lill-konsumatur finali mill-1 ta' Lulju 1994 jekk ma jkunux konformi mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1993. Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta xi Stati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jkunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-waqt tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal dawn ir-referenzi għandha tkun adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni id-disposizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, il-21 ta' Ottubru 1992.

*Għall-Kummissjoni*

Karel VAN MIERT

*Membru tal-Kummissjoni*